# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 9**

**Rikors numru 596/19/2 AF**

**Acumum Services Limited (C-57125)**

**v.**

**Juris Gulbis u Viridian AG**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Juris Gulbis wara deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, li permezz tagħha qatgħet il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kkundannat lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€20,945.18) bl-imgħax u bl-ispejjeż.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, (l-Ewwel Qorti) fit-18 ta' Ġunju 2019 is-soċjetà attriċi Acumum Services Limited (l-Attriċi) spjegat li hija toffri servizzi professjonali relatati ma' applikazzjonijiet għal ċittadinanza u residenza ġewwa Malta, liema servizzi hija offriet lil ċertu Michail Dzhienbaev, klijent tal-konvenuti Juris Gulbis (il-Konvenut) u Viridian AG (is-Soċjetà Konvenuta). Spjegat li għal dan is-servizz hija ħarġet diversi fatturi li kienu jkopru kemm id-drittijiet professjonali kif ukoll spejjeż inkorsi fuq struzzjonijiet u a karigu tal-konvenuti, liema fatturi baqgħu qatt ma tħallsu. Ippremettiet li l-ammont dovut huwa fis-somma ta' €20,945.18, u tgħid li dan il-kreditu huwa wieħed ċert, likwidu u li għalaq. Fid-dawl ta' dan kollu talbet lill-Ewwel Qorti:

> "1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma debituri tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' għoxrin elf, disa' mija, ħamsa u erbgħin euro u tmintax-il ċenteżmu (€20,945.18), rappreżentanti servizzi professjonali reżi lil Michail Dzhienbaev fuq struzzjonijiet u a karigu tal-intimati kif ukoll spejjeż inkorsi għall-istess;
>
> 3. Tikkundanna u tordna lill-intimati jħallsu dan l-ammont, oltre l-imgħax legali, lis-soċjetà rikorrenti.
>
> Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat u bl-imgħax legali."

2. B'sentenza mogħtija tad-29 ta' Marzu, 2021 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> "*The Court decides the case by acceding to the first request and gives judgement in accordance with Art. 167 of Chapter 12 of the Laws of Malta.*
>
> *Abstains from taking further cognisance of the second request.*
>
> *Accedes to 3rd request and declares that defendants owe plaintiff company the sum of Twenty thousand nine hundred forty five euros and eighteen cents (€20,945.18).*
>
> *Condemns defendants to pay plaintiff company the sum of Twenty thousand nine hundred forty five euros and eighteen cents (€20,945.18), with costs and interests as therein requested. Costs are to be borne wholly by defendants*."

3. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

> "*Having seen that both respondents after having been duly notified with the acts of the suit, failed to appear or in any way register their opposition to same;*
>
> *Having seen that Acumum Services Limited's claim are justified*;"

4. Il-konvenut Juris Gulbis (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellant) appella b'rikors intavolat fl-24 ta' Diċembru, 2019 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti "*tilqa' dan l-appell u tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet premessi; u tgħaddi sabiex tiċħad t-talbiet fir-rikors ġuramentat fil-konfront tiegħu; Bl-ispejjeż kollha taż-żewġt istanzi kontra l-kumpanija appellata Acumum Services Ltd.*"

5. Is-soċjetà attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellata) ressqet ir-risposta tagħha fis-27 ta' Jannar, 2020, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet li l-appell interpost mill-konvenut appellant jiġi miċħud.

6. Din il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ. Fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2025 l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza.

**L-Appell**

**L-Ewwel Aggravju – Is-soċjetà konvenuta Viridian AG ma kinitx notifikata**

7. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant Juris Gublis jgħid illi għalkemm fis-sentenza appellata jingħad li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bl-atti tal-kawża, skont l-appellant dan mhux minnu. Jirreferi għal rikors li kien intavolat mill-attriċi fit-18 ta' Ġunju, 2019 b'talba għal ħatra ta' kuraturi għas-soċjetà konvenuta, liema kuraturi baqgħu ma ġewx nominati. Jirreferi għal verbal tas-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2019 fejn il-legali tal-attriċi kien ivverbalizza li qed jirtira t-talba għall-ħatra ta' kuraturi peress li "s-soċjetà intimata ġiet regolarment notifikata skond ma jidher mir-riferta tal-Marixxal a fol 25 tergo". Jgħid li n-notifika li tissemma fil-verbal saret bil-posta ġewwa l-Isvizzera li ma hux stat membru tal-

Unjoni Ewropea u li għalhekk mhux applikabbli r-Regolament EU 1393/2007. Jgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħatx tipproċedi għas-sentenza ġialdarba s-soċjetà konvenuta ma kinitx debitament notifikata skont il-liġi.

8. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi anke jekk għas-saħħa tal-argument in-notifika ma kinitx regolari, "tali argument kellu jitressaq quddiem l-Ewwel Qorti *ai termini* tal-Artikolu 170 (1) tal-Kap. 12." li jagħti l-fakultà lill-konvenut fi proċedura sommarja li jagħmel sottomissjonijiet. Tgħid li l-appellant deher mhux assistit fis-seduta tad-9 ta' Settembru, 2019; irrifjuta li jkun assistit minn avukat; u l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tiddeferixxi l-kawża għal jum ieħor "sabiex l-appellant jkollu okkażjoni li jgħarbel u jieħu konjizzjoni tal-proċeduri li kienu qed jitmexxew kontrih". Tgħid li għas-seduta sussegwenti l-appellant għażel li ma jidhirx. Tgħid li għalhekk l-appellant ma jistax jiġi issa u jattakka n-notifika li saret tal-atti tal-Ewwel Qorti.

9. L-appellata tkompli tgħid illi l-appellant qed jattakka notifika li ma tikkonċernax lilu iżda lill-konvenuta l-oħra, f'tentattiv sabiex itawwal dawn il-proċeduri. Tgħid illi n-nuqqas ta' ħatra ta' kuraturi m'għandhiex tinvalida n-notifika. Tissottometti illi "In-notifika tas-soċjetà Viridian AG hija regolari, għaliex l-istess ġiet notifikata fl-indirizz reġistrat tagħha *ai termini* tal-art. 168 u 187 (4) (a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta". Issemmi illi

sussegwentement għan-notifika tal-proċeduri odjerni, "il-likwidatur tas-soċjetà Viridian AG, għamel kuntatt mal-avukati tas-soċjetà appellata, fejn talab l-istanti soċjetà tindikalu l-pretensjonijiet tagħha bil-miktub. Fl-ebda ħin ma kien hemm kontestazzjoni għat-talba tas-soċjetà appellata min-naħa ta' Viridian AG. Jissottometti illi minħabba l-iter tal-proċeduri bil-giljottina, ma kienx hemm lok li din il-prova titressaq quddiem l-Ewwel Qorti".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

10. Jibda biex jiġi osservat illi fir-rigward tan-notifika ta' atti ġudizzjarji l-liġi tipprovdi f'termini preċiżi kif din għandha ssir u f'idejn min l-atti ġudizzjarji jistgħu jitħallew. Hekk l-**Artikolu 185 tal-Kapitolu Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jaħseb għal każ illi fejn tnejn minn nies li jeħtieġ jiġu notifikati bi skrittura, wkoll jekk jgħixu fl-istess indirizz: "*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 186(1), meta skrittura għandha tkun notifikata lil tnejn minn nies jew iżjed, ukoll jekk dawn ikunu jgħixu flimkien fl-istess indirizz, kull wieħed minnhom għandu jiġi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura.*"

11. L-għan aħħari wara l-Artikolu 185 Kapitolu 12 hu li jiġi aċċertat li kull persuna li fil-konfront tagħha hu ndirizzat att ġudizzjarju, issir taf bih, u sabiex jiġi evitat ir-riskju li xi ħadd mill-partijiet jibqa' ma jsirx jaf bl-att.

12. **Artikolu 187 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi:

> "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. [...]"

13. Ir-**raba' sub-artikolu tal-Artikolu 187** jirregola mbagħad kif issir in-notifika fuq persuna ġuridika:

> "Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura:
>
> (a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew
>
> (b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)."

14. **Artikolu 181A (2)** jipprovdi:

> "(2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija."[1]

---

[1] Enfasi miżjud.

15. Mill-atti quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li l-indirizz provdut mill-attriċi kif miktub fir-rikors promotur huwa wieħed għaż-żewġ konvenuti ie. 44 – 45 Triq Nelson, Bormla, mentri fuq il-*folder* tan-notifiki (fol 25) ġie mniżżel l-indirizz tal-konvenut dak ta' Bormla u l-indirizz tal-konvenuta indirizz ġewwa l-Isvizzera. *A tergo* ta' fol 25 jidher li Juris Gulbis ma setax jiġi notifikat fl-10 ta' Lulju 2019 għax "*ma fetaħ ħadd*" u l-marixxal ġie "*infurmat mill-ġirien li ma joqgħod ħadd fl-indirizz mogħti; post taħt kostruzzjoni*". Tentattiv ieħor sar fit-22 ta' Awwissu 2019, u l-marixxal reġa' niżżel l-istess (*a tergo* fol 27). Min-naħa l-oħra ġie mniżżel li s-soċjetà Viridian AG ġiet notifikata bil-posta fid-29 ta' Awwissu 2019 b'avviż tar-rikors ġuramentat, affidavit, digrieti u dokumenti.

16. Wara li ġie intavolat l-appell li għandna quddiemna, u wara ċaħda minn din il-Qorti ta' rikors tal-appellant sabiex jinnotifika lis-soċjetà konvenuta bil-*courier*, ġie ordnat li s-soċjetà konvenuta tiġi notifikata skont il-*Hague Convention* (Fol 115) peress li l-Isvizzera ma hijiex stat membru tal-Unjoni Ewropea.

17. Il-metodu ta' notifika fl-esteru jvarja skont il-pajjiż li fih ser isir in-notifika. Fil-każ odjern in-notifika tal-atti ġudizzjarji, skont l-indirizzi imniżżla fuq il-*folder*, kellha ssir ġewwa l-Isvizzera li hija firmatarja tal-*Hague Convention of 15th November 1965 on the Service abroad of Judicial and Extrajudicial Documents in Civil or Commercial Matters* (Il-

Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti ġudizzjarji u Ekstraġudizzjarji f'Affarijiet Ċivili jew Kummerċjali). Malta ukoll hija firmatarja tal-imsemmija Konvenzjoni trasposta fil-**Kapitolu 443 (Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proċeduri Legali)** u għaldaqstant notifika ta' att ġudizzjarju trid issir skont il-metodu delineat fl-imsemmija Konvenzjoni u dan *in linea* ma' dak li jipprovdi l-**Artikolu 5 (1)** tal-istess Att:

> "Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 [...] għandhom ikunu japplikaw fil-każijiet kollha, f'affarijiet ċivili u kummerċjali, meta jkun hemm okkażjoni ta' trasmissjoni ta' dokument ġudizzjarju jew estraġudizzjarju li joriġina fi Stat Kontraenti li ma jkunx Malta sabiex jiġi notifkat f'Malta, kif ukoll meta jkun hemm okkażjoni li jiġi trasmess dokument ġudizzjarju jew estraġudizzjarju li joriġina f'Malta għal servizz fi Stat Kontraenti li ma jkunx Malta."

18. Il-proċedura ġenerali ta' kif issir in-notifika hija delineata fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Aja"*The authority or judicial officer competent under the law of the State in which the documents originate shall forward to the Central Authority of the State addressed a request conforming to the model annexed to the present Convention, without any requirement of legalisation or other equivalent formality. The document to be served or a copy thereof shall be annexed to the request. The request and the document shall both be furnished in duplicate*."[2] L-artikoli sussegwenti jispjegaw f'aktar dettall x'dokumentazzjonijiet għandhom jimtlew u b'liema lingwa u x'għandu jiġi anness u trasmess.

[2] https://assets.hcch.net/docs/f4520725-8cbd-4c71-b402-5aae1994d14c.pdf

19. Ingħad fis-sentenza **Said International Limited v. MAC Limited et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju, 2003 li:

> "Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap.12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."

20. Rilevanti wkoll is-sentenza **HSBC Bank Malta plc v. Standard Chartered Bank Ltd** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-12 ta' Lulju, 2019:

> "Illi l-Qorti tgħid minnufih li jekk kemm-il darba wieħed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax iżjed il-każ li wieħed jitkellem ukoll dwar il-jedd li jneħħi l-kontumaċja, għaliex notifika invalida, jew nuqqas ta' notifika skond il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun ġiet notifikata qatt. Wieħed ma jistax jaqa' kontumaċi jekk mhux wara li jkun ġie validament notifikat bir-Rikors Maħluf."

21. Mill-atti ta' quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li l-mod kif l-attriċi ittentat tinnotifika lis-soċjetà konvenuta ma hux konformi ma' dak li jipprovdi l-Kap. 443 għaliex in-notifika saret permezz tal-posta reġistrata u mhux permezz tal-awtorità ċentrali. Qed jingħad ittentat notifika u mhux ġiet notifikata peress li l-atti ta' notifika tar-rikors tal-appell lis-soċjetà konvenuta juru li l-Awtorità Ċentrali fl-Isvizzera avżat lill-Awtorità Ċentrali Maltija li l-kumpanija konvenuta kienet ilha għaddejja minn proċeduri ta' falliment sa mis-6 ta' Awwissu, 2019, B'ittra tat-8 ta' Ottubru 2024 l-

Awtorità Ċentrali fil-Kanton ta' Zug fl-Isvizzera avżaw lill-Avukat tal-Istat Malti fil-vesti tiegħu tal-Awtorità Ċentrali Maltija illi:

> **"By decision of August 6, 2019 the Cantonal Court of Zug opened the bankruptcy proceedings against the Viridian AG and since then the company has been in liquidation, which is why notifications are being sent to the bankruptcy office of Zug"[3]**

22. Mir-risposta għall-appell ippreżentata mis-soċjetà attriċi qed jirriżulta li hija kienet taf qabel ma ngħatat is-sentenza appellata li s-soċjetà konvenuta kienet fi stat ta' likwidazzjoni però għażlet li ma tavżax lill-Ewwel Qorti għaliex dehrilha li "Minħabba l-*iter* tal-proċeduri bil-giljottina, ma kienx hemm lok li din il-prova [tal-likwidazzjoni] titressaq quddiem l-Ewwel Qorti - liema prova però jekk dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun, tista' titressaq f'dan l-istadju" (sic).

23. Huwa evidenti għal din il-Qorti li s-soċjetà attriċi żammet din l-informazzjoni 'l bogħod mill-Ewwel Qorti sabiex tiżgwidaha, kif fil-fatt irnexxielha tagħmel, u tingħata sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu kontra kumpanija in likwidazzjoni. Fir-risposta tagħha s-soċjetà attriċi ammettiet illi fil-mori tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti kienet fi skambju mal-likwidatur maħtur mill-Qorti fl-Isvizzera tal-kumpanija konvenuta liema informazzjoni wkoll żammet milli tgħaddiha lill-Ewwel Qorti.

[3] Fol. 133

24. Minn dan kollu jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li f'dawk iċ-ċirkostanzi s-soċjetà attriċi kellha tieħu ħsieb li tinnotifika r-rikors ġuramentat lis-soċjetà konvenuta *tramite* l-Awtorità Ċentrali Maltija fit-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja u mhux bil-posta reġistrata. Mhux biss, talli kellha tinnotifika mhux lill-kumpanija konvenuta imma lil-likwidatur. Minn dan kollu, quddiem l-Ewwel Qorti, ma sar xejn.

25. Il-liġi tal-proċedura hija ta' ordni pubbliku u għandha tiġi segwita *ad unguem*. Ir-raġunament tal-attriċi appellata li l-konvenut appellant m'għandux interess ġuridiku li jissolleva kwistjoniijiet dwar irritwalità tan-notifika lis-soċjetà konvenuta ma hux fondat u ma hux sufrugat mill-ġurisprudenza. Hija ġurisprudenza assodata illi l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni imma kontestazzjoni (ara **Blye Engineering Co. Ltd v. Philip Borg Bellanti et** - Appell (sede Inferjuri) - 22 ta' Ġunju, 2005; **Jesmond Edmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe** - Appell Superjuri - 27 ta' Marzu, 1996; **FIMBank p.l.c. v. Almeco Limited** - Appell Superjuri - 27 ta' Ottubru, 2017). U fejn in-notifika ma hijiex ritwali ma hemmx kontumaċja.

26. Sentenza mogħtija mingħajr ma l-att promotur jiġi notifikat lill-konvenut jista' jwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali tal-konvenut għal smigħ xieraq. Dan in-nuqqas jippronunzja ruħu akbar meta jitqies illi l-proċeduri istitwiti bis-saħħa tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 huma min-

natura tagħhom eċċezzjonali peress li huma ntiżi sabiex, fil-każijiet imsemmija fl-istess artikolu, il-prinċipju li sentenza tingħata fuq il-provi mressqa mill-partijiet, jiġi mwarrab billi l-Qorti tkun qed tiġi mitluba tippronunzja s-sentenza tagħha fuq dak li jiġi sottomess lilha mill-attur. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbiltà akbar. (ara **Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Ltd** - Appell Superjuri - 2 ta' Diċembru, 2001).

27. Isegwi minn dan kollu li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-atti tal-prim'istanza ma ġewx notifikati lis-soċjetà konvenuta peress li ma ġietx segwita l-proċedura dettata mill-Konvenzjoni tal-Aja bil-konsegwenza li s-sentenza appellata hija nulla.(ara **Jane armla Cassar et v. Dr Michael Grech noe** - Appell Superjuri - 3 ta' Ottubru, 2008).

28. Sabiex il-kwadru jkun komplut tajjeb jingħad li l-**Att dwar il-Kumpaniji** jipprovdi illi meta kumpanija tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti, kull att jew mandat, sew kawtelatorju jew eżekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, maħruġ jew miġjub kontra l-kumpanija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null. **(Art. 222, Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386)**. (ara **Av Mark Refalo noe v. European Insurance Group Ltd** - Appell Superjuri - 23 ta' Novembru, 2020; **Av Mark Refalo noe v. European Insurance Group Ltd** - Appell Superjuri - 9 ta' Novembru,

2012; **Av Michael Zammit Maempel noe v. European Insurance Group Ltd** - Appell Superjuri - 22 ta' Frar, 2013).

29. In-nuqqas ta' notifika tal-att promotur lis-soċjetà konvenuta jista' jwassal għall-konklużjoni waħda u ċjoè li s-sentenza appellata hija nulla bl-uniku rimedju disponibbli għal din il-Qorti huwa li tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-każ fid-dawl ta' dak hawn deċiż.

30. **Issib għalhekk dan l-ewwel aggravju bħala fondat u qed tilqgħu.**

31. Peress li l-akkoljiment tal-ewwel aggravju ser iwassal għat-tħassir tas-sentenza appellata, mhux meħtieġ li nikkunsidraw ukoll l-aggravji l-oħra.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti,

1. **Tilqa'** l-appell tal-konvenut Juris Gulbis;

2. **Tħassar** is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet premessi tal-5 ta' Diċembru, 2019;

3. **Tibgħat** l-atti lura lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, sabiex jitkompla s-smigħ;

**Bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da